MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Rikors Numru. 53/2009

**Ta’ Dwardu Limited (C 33067)**

**vs**

**Joseph Debattista (ID 303562M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond 306, Victory Street, Qormi b’mera tolleranza minghajr m’ghandu l-ebda titolu li jintitolah jibqa’ in okkupazzjoni tal-istess.

Illi l-intimat m’ghandu l-ebda eccezzjonijiet validi xi jressaq skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu;

1. Jisma' l-kaz bid-dispensa tas-smiegh a' tenur tal-Kap 12 u l-Kap 109 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond 306, Victory Street, Qormi, fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilu prefiss.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat, naqas milli jidher kif ukoll milli jressaq oggezzjoni ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti;

Semgha lid-direttur tas-socjeta' rikorrenti jikkonferma l-kontenut tar-rikors promutur bil-gurament;

Ikkonsidra:

Illi minn ezami tar-rikors promutur, jidher li s-socjeta' rikorrenti ttentat tivvanta ruhha mid-disposizzjonijiet l-godda tal-Kap 69 rigwardanti d-dispensa ta-smiegh jew kif komunement mgharufa, bil-giljottina. Minkejja dan, l-istess rikorrenti talbet li din il-procedura jsehh ai termini tal-Kap 12 u tal-Kap 109. Il-Kap 109, u cioe l-Ordinanza dwar il-legati taz-zwieg f'Ghawdex, certament ma jirrafigura xejn dwar il-kaz in dizamina. Di piu' l-procedura sommarja bid-dispensa tas-smiegh fil-kazijiet quddiem dan il-Bord huma regolati b'artikoli specjali fil-Kap 69.

Issa, dan il-Bord huwa kompetenti jisma dawk il-kawzi li jippresupponu relazzjoni guridika bejn sid u inkwilin. Minn qari tal-artikoli tal-Kap 69, huwa biss sid il-kera li jista' jivvanta d-dritt, per ezempju, ghal zgumbrament jew awment fil-kera. Bid-dikjarazzjoni tas-socjeta' rikorrenti li tghid li l-intimat qed jokkupa l-fond *de quo* b'mera tolleranza minghajr ma ghandu l-ebda titolu li jintitolah jibqa' in okkupazzjoni tal-istess, l-istess socjeta' qed tiddikjara li ma hemm l-ebda relazzjoni lokatizja bejn iz-zewg partijiet. Huwa, imbaghad ben stabilit illum illi l-

kawza ghal zgumbrament minn fondi naxxenti minn nuqqas ta' titolu jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji.

Illi ghalhekk dan il-Bord mhux kompetenti *rationae materiae* jisma u jiddeciedi l-kaz odjern u ghal dawn il-mottivi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.#

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------